

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO), ikkomunikata lir-rikorrent permezz ta' posta elettronika tal-24 ta' Settembru 2015, li huwa ma jiġix ammess għall-fażi sussegwenti tal-“kompetizzjoni ġeneral EPSO/AD/306/15” ibbażata fuq kwalifik u eżamijiet”, organizzata sabiex tiġi stabilita lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ, b'mod partikolari, ta’ “[g]uristi lingwisti (AD 7) tal-lingwa Franciċa (FR)” tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u, min-naħħa l-oħra, tad-deċiżjonijiet ta’ selezzjoni u ta’ ħatra, meħuda fil-kuntest ta’ din il-kompetizzjoni.

## Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO), ikkomunikata lil Alain Laurent Brouillard permezz ta’ posta elettronika tal-24 ta’ Settembru 2015, li huwa ma jiġix ammess għall-fażi sussegwenti tal-“kompetizzjoni ġeneral EPSO/AD/306/15” ibbażata fuq kwalifik u eżamijiet”, organizzata sabiex tiġi stabilita lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ, b'mod partikolari, ta’ “[g]uristi lingwisti (AD 7) tal-lingwa Franciċa (FR)” tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, hija annullata.*
- 2) *Il-kunplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *A. L. Brouillard u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri għal mīzuri provviżorji fil-kawża li tat lok għad-digriet tal-20 ta’ Jannar 2016, Brouillard vs Il-Kummissjoni (F-148/15 R).*

<sup>(1)</sup> ĴU C 59, 15.2.2016 (kawża inizjalment irregġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-148/15 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta’ Ottubru 2017 – PM vs ECHA

(Kawża T-656/16)<sup>(1)</sup>

(“REACH — Tariffa dovuta għar-reġistrazzjoni ta’ sustanza — Tnaqqis mogħti lill-impriżi żgħar u medji — Determinazzjoni tad-daqs tal-impriżza — Verifika mill-ECHA tad-dikjarazzjoni tal-impriżza — Talba għal provi li juru l-istatus ta’ impreżiżi żgħar u medji — Deċiżjoni li timponi ħlas amministrattiv”)

(2017/C 402/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: PM (rappreżentanti: E. C. Zambrano Almero, avukat)

Konvenuta: L-Аgenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: inizjalment minn E. Maurage, J.-P. Trnka u M. Heikkilä, sussegwentement minn J.-P. Trnka u M. Heikkilä, aġenti, assistiti minn de C. Garcia Molyneux, avukat)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-ECHA SME(2016) 3198, tat-12 ta’ Lulju 2016, li tikkonstata li r-rikorrenti ma pproduċietx il-provi neċċessarji sabiex tibbenifika mit-tnaqqis ta’ tariffa previst għall-impreżiżi medji u li imponiet fuqha ħlas amministrattiv.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) PM għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA).

(<sup>1</sup>) ĠU C 402, 31.10.2016.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Ottubru 2017 – Murka vs EUIPO (SCATTER SLOTS)

(Kawża T-704/16) (<sup>1</sup>)

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea SCATTER SLOTS — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]*

(2017/C 402/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Murka Ltd (Tortola, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi) (rappreżentant: S. Santos Rodriguez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Ġunju 2016 (Każ R 471/2016-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali SCATTER SLOTS bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Murka Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 454, 5.12.2016.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Ottubru 2017 – Karelia vs EUIPO (KARELIA)

(Kawża T-878/16) (<sup>1</sup>)

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Talba għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali KARELIA — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]*

(2017/C 402/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Ino Karelia (Kalamata, il-Greċċa) (rappreżentant: M. Karpathakis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)